# MINUTI

## Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 72

It-Tnejn 13 ta' Novembru 2023

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs. Ġużè' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar it-Tnejn 13 ta' Novembru 2023 fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sinjura Juliet Attard – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 72.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

72.1.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li, l-Kunsillier Mark Busuttil u l-Kunsillier Joseph Cauchi nfurmaw lill-Kunsilli li huma indisposti biex jattendu għal-laqgħa. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw l-apoloġija.

### 72.2 Aġġudikazzjoni sejħa għall-offerti:
*MXR/05/2023: Works – Upgrade of Munxar Main Entrance with an Energy Efficient Lighting System and Environmentally Friendly Irrigation System*;

72.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-offerti miftuħa nhar is-27 t'Ottubru 2023. Kien hemm offerta waħda biss:
Richard Cauchi - €93,744.06
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni. Il-bord irrakkomanda li din l-offerta tingħata lil dan l-offerent li kien konformi mar-rekwiżiti mitluba.

72.2.2 Il-membri tal-Kunsill laqgħu r-rakkommandazzjoni tal-bord u r-rapport ġie approvat.

### 72.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

72.3.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-5.45 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tnejn 27 ta' Novembru 2023 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, it-Tnejn 27 ta' Novembru 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |